# STATUT

# TAL-FEDERAZZJONI KACCATURI NASSABA KONSERVAZZJONISTI - MALTA

## 1998

**WERREJ**

| | Pagna |
|---|---|
| Isem | 3 |
| Ufficju Registrat | 3 |
| Emblema tal-Federazzjoni | 3 |
| Interpretazzjoni | 3 – 4 |
| Skopijiet tal-Federazzjoni | 5 – 6 |
| Shubija | 6 – 7 |
| Membri affiljati | 8 |
| Membri assoccjati | 8 – 9 |
| Poteri u funzjonijiet tal-Federazzjoni | 9 |
| Kunsill Generali | 9 – 11 |
| Kunsill | 11 – 14 |
| Kumitati Distrettwali, Sotto Kumitati u Ghaqdiet Affiljati | 14 – 15 |
| Bord tad-Dixxiplina | 15 – 16 |
| Bord tal-Finanzi | 16 – 17 |
| Obbligi tal-membri | 17 |
| Fondi tal-Federazzjoni | 17 – 18 |
| Xoljiment tal-Federazzjoni | 18 |
| Anness 1 - Emblema | 19 |
| Anness 2 - Bye Laws | 20 |
| Regolamenti tal-Artijiet Amminstrati mill-Federazzjjoni | 21 – 22 |
| Anness 3 - Imgieba waqt il-kacca u l-insib | 23 - 28 |
| Anness 4 - Statut ghad-Distretti u Sotto Kumitati | 29 – 32 |

## REGOLAMENTI TAL-FEDERAZZJONI KACCATURI NASSABA KONSERVAZZJONISTI - MALTA

### Isem

1. Din l-organizazzjoni tissejjah u tkun maghrufa "Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti - Malta" (fil-qasir FKNK - Malta), li bl-Ingliz tkun maghrufa bhala "The Federation for Hunting & Conservation - Malta" (fil-qasir FHC - Malta. Il-kelma "hunting" fl-isem bl-Ingliz tinkludi kemm il-kacca kif ukoll l-insib la darba dan huwa mezz iehor ta' kacca).
Dawk tal-ferghat distrettwali, tas-sotto kumitati u ghaqdiet affiljati:
Distrett ....... tal-Federazzjoni tal-Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti
u Sotto Kumitat ...... tal-Federazzjoni tal-Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti
u Ghaqda ..... affiljata mal-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti

### Ufficju Registrat

2. L-Ufficju registrat ta' din l-organizazzjoni hu go: 138E Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Msida MSD 06, jew f'xi indirizz iehor li jaghzel minn zmien ghal zmien il-Kunsill. L-indirzz postali hu P.O. Box 26, Sliema, SLM 01.

### L-Emblema tal-Federazzjoni

3. L-Emblema tal-Federazzjoni tkun tikkonfigura nassab bil-gabjun u xbiek, kaccatur bis-senter, kelb tal-kacca, bahar, hajt tas-sejjiegh u sigra, liema emblema hi kkonfigurata fl-anness 1. L-emblema ghandha tinkludi l-isem tal-Federazzjoni kemm bil-Malti, kif ukoll bl'Ingliz. Hadd ma jista juza l-emblema, l-isem jew l-indirzz tal-Federazzjoni minghajr il-permess tal-Kunsill.

### Interpretazzjoni

4. Kull fejn jidhru f'dan l-Istatut jew f'xi regolamenti u/jew bye laws ohra ta' din l-organizazzjoni, kliem hawn taht indikati ghandhom ikollhom it-tifsira kif ser jinghad u dan sakemm il-kuntest ta' fejn jidhru dawn l-istess kliem ma jkollhomx tifsira differenti.
Kull haga li dwara ma jkun hemm xejn fl-Istatut, kif ukoll l-interpretazzjoni taghha, tigi mnizzla u nterpretata mill-Kunsill. Din tista tigi mhassra biss minn vot ta' maggoranza ta' zewg terzi ta' Kunsill Generali fuq mozzjoni ad hoc.

(a) *Federazzjoni* jew *Organizazzjoni* ifissru *il-Federazzjoni tal-Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti - Malta.*

(b) *Kunsill* ifisser il-Korp Principali u Centrali li jirregola u jikkontrolla l-attivitajiet kollha ta' din l-organizazzjoni u li ghandu l-poteri msemmija f'dan l-Istatut.

(c) *Kumitat Distrettwali tal-Federazzjoni, Sotto Kumitat tal-Federazzjoni u Kumitat ta' Ghaqda affiljata mal-Federazzjoni* hu Kumitat li jkun rapprezentattiv u jigbor fih membri tal-Federazzjoni minn lokalitajiet diversi

u/jew specifici. Il-Kumitati Distrettwali u is-Sotto Kumitati jridu jkunu kostitwiti skond ir-regolamenti ta' dan l-istatut u li huwa suggett ghall-approvazzjoni u kontroll assolut tal-Kunsill.

(d) *Kunsill Generali* jfisser il-laqgha generali annwali u xi laqgha ohra ta' natura straordinarja li jissejhu mill-Kunsill minn zmien ghal zmien skond kif jipprovdi l-Istatut. Ir-rapprezentanza ta' Kumitat Distrettwali, Sotto Kumitat u Ghaqda affiljata ghal dan il-Kunsill Generali hija ta' hames delegati li jigu appuntati minn kull Kumitat Distrettwali, Sotto Kumitat u Ghaqda affiljata.

(e) *Territorju* jfisser ir-Repubblika ta' Malta u l-gzejjer taghha inkluz il-gurisdizzjoni estiza tal-ibhra territorjali.

(f) *Statut* ifisser l-Istatut tal-Federazzjoni tal-Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti - Malta.

(g) *Delizzju* jfisser il-Kacca u l-Insib tal-ghasafar u tal-fenek selvagg.

(h) *Dilettant* ifisser dik il-persuna li jkollha d-delizzju tal-kacca u l-insib tal-ghasafar u l-fenek selvagg u li jipposedi l-licenzja u l-kwalifiki mehtiega skond il-ligi tat-territorju biex jezercita dan id-delizzju.

(i) *Membru tal-Federazzjoni* jfisser membru ta' kumitat distrettwali u/jew sotto kumitat u/jew Ghaqda affiljata.

(j) *Membru affiljat* ifisser Ghaqda jew entita ohra affiljata mal-Federazzjoni wara li tigi accetata bhala tali mill-Kunsill skond dan l-Istatut.

(k) *Distrett* ifisser lokalita/lokalitajiet ta' xi bliet u rhula fit-territorju hekk kif jigi accettat mill-Kunsill.

(l) *Assembleja Generali* tfisser il-Laqgha Generali Annwali tal-Kumitat Distrettwali u Sotto Kumitat imwaqqfin skond dan l-Istatut.

(m) *Licenzja* tfisser licenzja mahruga mill-awtorita kompetenti biex persuna ggorr u/jew izzomm arma tan-nar u xbiek biex jezercita d-delizzji.

(n) *Tezorier* ifisser l-ufficjal inkarigat bil-finanzi tal-Federazzjoni.

(o) *Kaxxier* ifisser l-ufficjal inkarigat bil-finanzi ta' Kumitat Distrettwali jew ta' xi Sotto Kumitat imwaqqaf skond dawn ir-regolamenti.

**Skopijiet tal-Federazzjoni**

5. L-iskopijiet tal-Federazzjoni huma s-segwenti:

(a) B'mod generali tghaqqad id-dilettanti kollha li jkollhom il-kwalifiki mehtiega skond il-ligi u jkollhom il-licenzja taghhom biex jesercitaw id-delizzji regolarment imhallsa, bi skop komuni li jigi stabbilit u mizmum bejniethom l-ahjar relazzjoni possibli biex id-delizzji jikbru.

(b) Biex tikkonsolida, tippromovi u tizviluppa d-delizzji fit-territorju bi kwalunkwe mod li l-Kunsill jidhirlu xieraq skond ir-regolamenti ta' din il-Federazzjoni.

(c) Biex jigi kkonservat l-ambjent naturali u l-intorni tad-diversi lokalitajiet fejn jigu pprattikati d-delizzji mid-dilettanti u sabiex il-"habitats" naturali jigu hekk imsebbha u mizmuma fl-ahjar stat naturali taghhom fl-interess tal-istess dilettanti u l-pubbliku ngenerali.

(d) Biex torgannizza u tamministra kull attivita tal-Federazzjoni kif ukoll tikkontrolla u tezercita dixxiplina fuq il-membri u membri affiljati, partikolarment ghall-prattika tad-delizzji fit-territorju.

(e) Biex tikkreja u tassigura trattament uniformi fil-kondotta ta' kull haga relatata mal-avvanz u l-progress tad-delizzji u biex thaddem dawn ir-regolamenti fl-interess tal-membri u membri affiljati kollha.

(f) Biex thares l-interessi tal-membri u membri affiljati kollha sabiex ikunu jistghu liberalment igawdu u jezercitaw id-delizzji taghhom, u dan sabiex hadd ma jkun jistgha jtellef, inaqqas u/jew jabolixxi l-ezercizzju ta' dawn id-delizzji fit-territorju.

(g) Biex tipprovdi konsultazzjoni regolari bejn il-membri u membri affiljati fuq kwalunkwe materja li tkun ta' interess komuni ghall-istess membri u biex tikkreja, izzomm u ssahhah ko-operazzjoni shiha bejn id-diversi kumitati u ghaqdiet affiljati, kif ukoll biex taffilja ruhha ma' organizzajonijiet ohra Nazzjonali jew Internazzjonali li jkollhom skopijiet identici jew simili ghal din l-organizazzjoni.

(h) Biex takkwista taht kwalunkwe titlu legali, kwalunkwe beni jew effetti mobili biex l-iskopijiet tal-Federazzjoni jintlahqu.

(i) Biex tigbor minghand il-membri u membri affiljati flus ghas-shubija sabiex l-iskopijiet tal-Federazzjoni jistghu jigu milhuqa u biex izzomm u timpjega persuni taht paga u kundizzjonijet accetati mill-Kunsill biex ikollha segretarjat permanenti u makkinarju ta' amministrazzjoni li ghandu fost xoghol iehor id-doveri li jzomm statistika li l-Kunsill jidhirlu opportun, biex tanalizza s-sitwazzjoni tad-delizzji fit-territorju sabiex tkun tista tikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti, Ministri u korpi ohra fuq kwalunkwe haga li tikkoncerna d-delizzji u l-interessi u d-drittijiet tal-membri u membri affiljati biex jezercitaw id-delizzji liberalment.

(j) Biex jigu mwaqqfa Kumiati Distrettwali li jigu approvati mill-Kunsill u biex jitwaqqfu Sotto Kumitati ohra biex jiddiskutu hwejjeg specifici fl-interess tal-membri tal-organizazzjoni. Jistghu jitwaqqfu Kumitati taht l-awspici tal-Federazzjoni fis-setturi tal-Kacca minn fuq il-Bahar u Kacca ghall-Fenek Selvagg, hekk u meta jidhirlu l-Kunsill.

(k) Biex tidhol f'diskussjonijiet ma' awtoritajiet kompetenti u tilhaq ftehim mal-istess fuq kwalunkwe haga li tolqot id-delizzji u sabiex tahdem halli jkollha rikonoxximent formali u legali.

(l) Biex tistipola bye laws jew regoli ancillari dwar etika jew materja ohra li jolqtu l-ezercizzju tad-delizzji. (Anness 2 - Bye Laws u Regolamenti ohra)

(m) Biex tissellef flus halli l-iskopijiet tal-Federazzjoni jintlahqu u biex tinvesti kwalunkwe flus bi kwalunkwe mod.

(n) Biex tippubblika rivisti, perjodici jew letteratura ohra jew ixxandar b'mod iehor informazzjoni dwar il-Federazzjoni u d-delizzji.

(o) Biex tlaqqa zghazagh, kaccaturi u nassaba prospettivi, bi skop li dawn jigu struwiti fl-ezercizzju u etika tad-delizzji. L-istess istruwizzjonijiet fl-ezercizzju u etika tad-delizzji ghandhom jinghataw minn zmien ghal zmien lid-dilettanti kollha. (Anness 3 - L-Imgieba waqt il-kacca u n-nsib "Codes of Conduct and Practice" )

(p) Biex taghmel dak kollu li hu incidentali u konducenti biex jintlahqu l-iskopijiet ta' din il-Federazzjoni.

**Shubija**

6. Kull persuna jistgha jkun membru ta' din il-Federazzjoni jekk jigi hekk ammess mill-Kunsill, basta pero, li f'kull kaz, tali persuna jrid ikollha is-segwenti kwalifiki:

(a) Ikollha l-licenzja mill-awtoritajiet kompetenti biex izzomm u ggor arma tan-nar ghall-iskop biex tezercita d-delizzji, u/jew ikollha licenzja mill-istess awtoritajiet kompetenti biex tonsob.

(b) Illi l-imsemmija licenzja tkun regolarment imhallsa.

7. Kull applikazzjoni ghas-shubija ghandha ssir jew lill-Kunsill jew lil xi Kumitat Distrettwali. L-Applikant irid jaghti d-dettalji u l-partikolaritajiet mitluba mill-Kunsill. Il-Kunsill ghandu d-dritt li jitlob aktar informazzjoni skond l-esigenzi li jinqalghu minn zmien ghal zmien.

8. Il-Kunsill ghandu l-poter li jaccetta jew jirrifjuta tali applikazzjoni ghas-shubija.

9. Kull persuna li tigi ammessa bhala membru ghandha thallas il-mizata lill-Kunsill, li tigi stipulata mill-istess Kunsill minn zmien ghal zmien, u ghanda tinghata tessera ufficjali. Il-Kunsill jistgha jiddeciedi li jghaddi parti minn din il-mizata lill-Kumitat Distrettwali tal-applikant. Ghaldaqstant l-applikant isir ukoll membru tal-Kumtat Distrettwali relattiv.

10. F'kaz li xi membru jonqos li jhallas il-mizata li ghandha tithallas kull sena sal-31 ta' Marzu, hu jitlef id-dritt tal-vot fi kwalunkwe laqgha tal-Federazzjoni u jekk jibqa ma jhallasx sa' tlett xhur wara li jigi avzat bil-miktub li ghandu jhallas, ismu jigi kkancellat mir-registru tal-membri u jitlef id-drittijiet u l-privileggi kkollha li kellu bhala membru tal-Federazzjoni.

11. Kwalunkwa membru li jkun irid jirrizenja mill-Federazzjoni ghandu jaghti pre-avviz bil-miktub lis-Segretarju tal-Kunsill. Tali membru li jirrizenja ma jkollux aktar interess jew pretenzjoni fuq il-fondi tal-Federazzjoni, u ghandu jhallas xorta wahda kull hlas tas-shubija u levies ohra li jkunu dovuti f'dik is-sena li fiha jkun ta l-avviz tar-rizenja tieghu.

12. Is-segretarjat tal-Kunsill ghandu jzomm "record" tal-membri kollha tal-Federazzjoni u jzomm dettalji ohra ta' kull membru li jitolbu l-Kunsill.

13. Kull membru ghandu d-dritt li jitlob kopja tal-istatut bi prezz li jiddeciedi l-Kunsill li f'kull kaz m'ghandux ikun aktar minn hames Liri Maltin (Lm5).

14. Il-membri f'lokalitajiet diversi u/jew specifici jistghu jitolbu bil-miktub lill-Kunsill biex jiffurmaw Kumitat Distrettwali jew Sotto Kumitat u dawn iridu jimxu skond l-istatut provdut lilhom mill-Kunsill. (Anness 4 - Statut ghad-Distretti u Sotto Kumitati)

15. Il-Kunsill ghandu l-poter li jaccetta jew jirrifjuta tali talba biex jitwaqqaf Kumitat Distrettwali jew Sotto Kumitat minghajr in-necessita li jaghti raguni ghal tali decizzjoni.

16. Fi kwalunkwe zmien il-Kunsill irid jassigura illi kull Kumitat Distrettwali u Sotto Kumitat, sew qabel ma jigi ammess bhala tali u anke wara li jigi ammess u kostitwit, ikun regolarment kostitwit u kompost minn membri li jkollhom il-kwalifiki mehtiega skond dawn ir-regolamenti u skond il-ligi tat-territorju. Kull Kumitat Distrettwali u Sotto Kumitat irid jinnotifika bil-miktub lis-segretarjat tal-Kunsill meta u fejn tali kumitat ikun ser izomm l-Assembleja Generali tal-membri tieghu sa ghaxart (10) ijiem qabel din id-data. Fl-istess notifika jrid jinkludi l-Agenda.

17. F'kull distrett jistgha jkun hemm biss Kumitat Distrettwali wiehed sakemm il-Kunsill ma jidhirlux fid-diskrezzjoni assoluta tieghu li ghall-ahjar organizazzjoni tad-delizzji, ikun ahjar li jkun hemm aktar minn Kumitat Distrettwali wiehed go distrett.

**Membri Affiljati**

18. Kull entita tistgha tkun membru affiljat mal-Federazzjoni jekk tigi hekk ammessa mill-Kunsill, basta pero kull entita:

(a) Trid tapplika bil-miktub lis-Segretarjat tal-Federazzjoni.

(b) Thaddan fiha dilettanti.

(c) Taccetta il-gurisdizzjoni esklussiva tal-Federazzjoni bhala l-awtorita Maltija li tigverna d-delizzji.

19. Kull entita li tapplika ghas-shubija taht din is-sezzjoni ghandha tipprovdi kopja tal-istatut taghha liema statut ghandu b'mod generali:

(a) Ikun konformi mal-provedimenti tal-Istatut tal-Federazzjoni hekk kif emendat minn zmien ghal zmien.

(b) Jirrispetta l-kodici tal-imgieba waqt il-kacca u l-insib (Anness 3 - L-Imgieba waqt il-Kacca u Nsib - "Codes of Conduct & Practice").

(c) Jirrispetta l-ghanijiet tal-Federazzjoni.

(d) Jipprovdi l-"accounts" li jkunu "audited" minn awditur pubbliku kwalifikat tal-anqas darba fis-sena.

20. Kull entita affiljata ghanda tavza lill-Federazzjoni b'kull Laqgha Generali, liema Federazzjoni ikollha d-dritt li tibghat rapprezentanti taghha bhala osservaturi.

21. Kull entita li tigi accetata bhala membru affiljat ghandha thallas mizata lill-Federazzjoni liema mizata tigi stipulata mill-Kunsill minn zmien ghal zmien. Tali entita ghandha tinghata certifikat tas-shubija.

22. Il-Kunsill ghandu l-poter li jaccetta jew jirrifjuta tali applikazzjoni ghas-shubija.

**Membri Assocjati**

23. Is-segwenti jistghu jigu ammessi u accettati bhala membri assocjati tal-Federazzjoni billi jaghmlu applikazzjoni bil-miktub lill-Kunsill.
Tali membri assocjati jistghu jkunu:

(a) Kull persuna jew kumpanija kummercjali li jkollha licenzja mill-awtoritajiet kompetenti biex timporta fit-territorju jew tbiegh fit-territorju affarijiet ghall-uzu tad-delizzji.

(b) Kull persuna jew kumpanija kummercjali li tippubblika regolarment skond il-ligi rivisti jew letteratura ohra dwar id-delizzji.

(c) Supporters liema membri ma jkollhomx il-kwalifika ta' membri regolari.

(d) Kull entita mhux governattiva illi thaddan il-principji tal-konservazzjoni tal-ambjent naturali.

(e) Kull persuna kollettur ta’ arma/i tan-nar, debitament licenzjata/i, sew jekk dik/dawk li tintuza/jintuzaw ghall-kacca jew le, li ma jkollux il-kwalifika ta’ membri regolari.

24. Il-mizata ta' dawn tigi stabbilita minn zmien ghal zmien mill-Kunsill.

25. Il-Kunsill jista jaghzel li jonora kwalunkwa persuna bhala life honorary member jekk il-Kunsill jidhirlu li jisthoqqilha dan l-unur.

**Poteri u funzjonijiet tal-Federazzjoni**

26. Il-poteri u l-funzjonijiet tal-Federazzjoni huma kostitwiti u esegwiti mis-segwenti organi:

Il-Kunsill Generali

Il-Kunsill

Il-Kumitati Distrettwali, Sotto Kumitati u Ghaqdiet affiljat

Bord ta' Dixxiplina

Bord tal-Finanzi

**Kunsill Generali**

27. Il-Kunsill Generali Annwali ghandu jsir kull sena mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu u f'hin u post li jiddeciedi l-Kunsill sabiex:

(a) Jinqraw il-minuti tal-ahhar Kunsill Generali u jigu approvati.

(b) Tapprova r-rapport amministrattiv tas-Segretarjat.

(c) Tapprova r-rapport finanzjarju li jkun "audited" u tapponta awditur jew awdituri.

(d) Tisma d-diskors tal-President tal-Federazzjoni.

(e) Tiddiskuti proposti li jkollhom bzonn l-approvazzjoni tal-Kunsill Generali u li dwarhom kien hemm pre-avviz.

(f) Tiddiskuti kull materja ohra imqajma regolarment waqt is-seduta.

Kull tielet sena:

(g) Jinhatru tlett membri minn dawk prezenti biex iservu bhala kummissarji elettorali.

(h) Dawn il-Kummissarji jilqghu r-rizenja tal-Kunsill u jmexxu l-elezzjoni ta' Kunsill gdid u d-decizzjoni taghhom tkun finali.

(i) Jigi approvat Bord ta' Dixxiplina kif irregolat minn dan l-Istatut.

28. Kunsill Generali jew Kunsill Generali ta' Natura Straordinarja ghandu jinzamm f'post u hin li jigi ddeterminat mill-Kunsill wiehed u ghoxrin (21) jum qabel id-data tas-seduta, u jissejjah jew b'avviz tal-Kunsill jew b'talba bil-miktub maghmula minn tal-anqas zewg terzi mid-delegati tal-kumitati distrettwali sotto kumitati u ghaqdiet affiljati.

29. Il-membri tal-Kumitati Distrettwali, Sotto Kumitati u ghaqdiet affiljati ghandhom iwasslu u jindikaw materji biex jigu mdahhla fl-agenda ta' Kunsill Generali bil-miktub mhux anqas minn sebat (7) ijiem qabel id-data tas-seduta. L-Agenda tal-Kunsill Generali ghanda tintbaghat mis-Segretarju tal-Kunsill mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem qabel id-data tal-Kunsill Generali.

30. In-nominazzjonijiet ta' kandidati ghall-Kunsill ghandhom isiru:

(a) Mill-membri tal-Federazzjoni u dawn ghandhom juru l-firma tal-kandidat membru, il-firma tal-membru li jkun ipproponih u dik tal-membru li jkun issekkondah.

(b) Minn kull ghaqda affiljata liema nomina trid turi l-firma tal-kandidat, il-firma ta' min ipproponih u dik ta' min ikun issekkondah. Tali nomini ghandhom ikunu membri tal-istess ghaqda affiljata.

(c) Kull nomina ghanda tasal ghand is-Segretarjat tal-Kunsill hmistax (15) il-jum qabel l-elezzjoni.

31. Kull delegat intitolat li jattendi seduta ta' natura generali ghandu dritt ta' vot wiehed.

32. Il-President tal-Federazzjoni jew il-persuna li tkun qed tippresedi minnfloku ghandu dritt ta' casting vote f'kaz ta' ugwalita ta' voti.

33. Sakemm mhux provdut mod iehor, id-decizzjonijiet tal-Kunsill Generali jintlahqu b'maggoranza regolari tad-delegati prezenti. Kull decizzjoni biex tirrevoka, toltera, jew temenda jew izzid ma' dawn ir-regolamenti, trid issir f'Kunsill Generali mlaqqa ghal dan il-ghan u d-decizzjoni tittiehed b'risoluzzjoni straordinarja ta' mhux anqas minn zewg terzi tad-delegati prezenti.

34. Il-kworum ghall-Kunsill Generali, jew Kunsill Generali Straordinarju hu ta' nofs id-delegati piu delegat iehor. F'kaz li wara hmistax il-minuta mill-hin

appuntat ghall-Kunsill Generali ma jkunx ghad hemm kworum, is-seduta ssir mid-delegati prezenti.

35. Il-membri tal-Kunsill ghandhom ukoll jattendu Kunsill Generali u ghandhom dritt ghall-vot kif ukoll id-dritt illi jaghmlu nominazzjonijiet ta' kandidati ghall-Kunsill u n-numru taghhom ghandu jittiehed inkonsiderazzjoni ghal skop ta' kull votazzjoni u finijiet ta' kworum.

**Kunsill**

36. L-amministrazzjoni tal-Federazzjoni ghandha tigi kondotta mill-Kunsill li ghandu jkun kompost minn hdax (11) il-persuna, eletti mill-Kunsill Generali kull tlett (3) snin. Wiehed minn dawn ikun elett mill-Ghaqdiet affiljati b'semplici maggoranza jekk ikun hemm aktar minn kontestant wiehed minn dawn l-ghaqdiet, u dan huwa sogget ghal-gurisdizzjoni u dixxiplina tal-Federazzjoni bhal li kieku kien membru individwu tal-Federazzjoni. L-ghaxra l-ohra jkunu mill-membri individwali tal-Federazzjoni. Jekk ma' ikunx hemm kontestanti mill-Ghaqdiet, il-post fuq il-Kunsill jittiehed min membru individwali iehor tal-Federazzjoni.

37. L-ufficjali u l-membri tal-Kunsill ma jistghux ikunu kandidati ta' xi partit politiku fit-territorju. Il-Federazzjoni hija wkoll mehlusa ghal kollox minn kull kulur u r-rbit politiku.

38. Il-membri tal-Kunsill ghandhom jirritjenu l-kariga taghhom sa' elezzjoni ta' Kunsill gdid kif indikat, sakemm il-membri kollha ma jigux imkeccija minn din il-kariga b'xi risoluzzjoni mehuda f'Kunsill Generali Straordinarju imsejjah ghal dan l-iskop fejn il-membri tal-Kunsill ikollhom l-opportunita li jinstemghu.

39. Jekk jitbattal il-post ta' xi membru fi kwalunkwa Kumitat, dan il-post jittiehed mir-runner up li jkun ikkontesta l-istess elezzjoni, jew fin-nuqqas ta' dan, billi jigi co-opted membru minn fost dawk tal-Federazzjoni. Xi membru tal-Federazzjoni jistgha jigi co-opted fuq kwalunkwa kumitat jekk tali kumitat ihoss din il-htiega anke jekk ma jkunx tbattal il-post ta' xi membru iehor f'dak il-kumitat. Membri co-opted ma jkunux jistghu jivvutaw f'tali kumitat, qabel ma tghaddi sena minn meta jkun co-opted.

40. Membru fuq il-Kunsill jispicca minn membru fuq il-Kumitat jekk ghal xi raguni jispicca minn membru tal-Federazzjoni.

41. L-ufficjali tal-Federazzjoni huma l-President, Vici President, Segretarju Onorarju, it-Tezorier, u l-Public Relations Officer (PRO).

42. L-ufficjali u l-membri tal-Kunsill jigu eletti mill-Kunsill generali kull tielet sena kif ser jinghad.

43. L-ufficjali tal-Kunsill jigu maghzula fl-ewwel laqgha tal-Kunsill wara l-Kunsill Generali minn fost il-membri eletti tal-istess Kunsill.

44. Il-Kunsill jista japponta mill-membri tal-Kumitat tieghu, vici tezorier, vici segretarju, u jistgha jimpjega segretarju permanenti u staff members ohra li jkollu bzonn minn zmien ghal zmien. Il-Kunsill jista joffri kuntratt ta' xoghol b'salarju ghan-nies li jimpjega. Is-segretarju permanenti ghandu jkun l-ufficjal inkarigat mill-amministrazzjoni generali tal-Federazzjoni, u hu jew id-delegat tieghu, iridu jkunu prezenti ghal-laqghat kollha sakemm mhux espressament skuzati jew eskluzi mill-Kunsill. F'kaz li ma jkunx gie impjegat segretarju permanenti, id-doveri tieghu jsiru mis-Segretarju Onorarju jew mill-vici segretarju. Il-Kunsill ghandu setgha jaghzel ukoll avukat tal-Federazzjoni u konsulent amministrattiv biex jghinu meta jkollu problemi legali u amministrattivi, kif ukoll jahtar working groups u kummissjonijiet li tinhass il-htiega taghhom minn zmien ghal zmien. Dawn il-working groups u kummissjonijiet ghandhom minn naha taghhom jinfurmaw il-Kunsill dak kollu li jkun sar, u joqoghdu ghad-direttivi tal-Kunsill. Ic-Chairperson ta' dawn irid ikun membru tal-Kunsill. Jekk tinhass il-htiega, il-Kunsill jistgha jxolji xi working group jew kummissjoni.

45. Ir-rapprezentanza legali tal-Federazzjoni hi tal-President u s-Segretarju Onorarju, jew meta dawn l-ufficjali ma jkunx prezenti, il-Vici-President u xi ufficjal iehor innominat mill-Kunsill, jistghu jiffirmaw u jesegwixxu kull att, dokument, jew kitba ohra li tolqot legalment lill-Federazzjoni, jew biex jaghmlu dak kollu rikjest jew necessarju biex jigu obduti r-rekwiziti tal-ligi tat-territorju.

46. Jekk xi membru tal-Kunsill ma jimxix skond id-doveri tieghu, il-membri tal-Kunsill ghandhom id-dritt, waqt laqgha tal-Kunsill fejn dan jistgha jiddefendi ruhu, jitlob lil dan il-membru tal-Kunsill biex jirrizenja mill-kariga.

47. Il-Kunsill ghandu s-setgha li jaghmel u jemenda bye laws li ma jkunux inkonsistenti ma' dawn ir-regolamenti biex jirregola l-procedura tieghu jew il-procedura f'Kunsill Generali u biex jipprovdi dwar kull materja li dwara ma jkun hemm l-ebda provediment f'dan l-Istatut.

48. Delegazzjonijiet ufficjali ghandhom ikunu komposti minn mhux anqas minn zewg membri tal-Kunsill maghzul mill-Kunsill innifsu. Fejn ikun possibli, dawn id-delegati ghandhom jiddiskutu a priori l-missjoni taghhom mal-Kunsill, u wara l-missjoni dawn id-delegati ghandhom jissottomettu rapport lill-Kunsill fuq dak li jkun gara. Jekk mhux awtorizzati specifikament mill-Kunsill, id-delegati ma jistghux jiehdu decizzjonijiet f'isem il-Federazzjoni.

49. Il-membri eletti fil-Kunsill huma mistennija jattendu ghal-laqghat kollha tal-istess Kunsill sakemm ma jaghtux pre-avviz lis-segretarju li ser ikunu assenti. Il-membru li ma jattendix ghal tlett seduti konsekuttivi tal-Kunsill jispicca minn membru tal-Kunsill sakemm ma jaghtix raguni valida u gustifikata.

50. Il-Kunsill ghandu jiltaqa darba fil-hmistax jew aktar spiss kull meta jehtieg b'agenda. Fuq talba bil-miktub ta' mhux anqas minn hames membri tal-Kunsill ghandha ssir laqgha mhux aktar tard minn sebat ijiem minn meta s-segretarju onorarju jircevi din it-talba. Il-Kunsill ghandu wkoll jiltaqgha meta jidhirlu l-President tal-Kunsill.

51. Il-kworum tal-Kunsill huwa ta' hames membri.

52. Kull decizzjoni tal-Kunsill tkun skond votazzjoni tal-membri prezenti. Il-President jew persuna li tkun qed tippresedi jkollu casting vote f'kaz ta' ugwaljanza. Il-vot ghandu jkun bi procedura sigrieta f'kaz li jkun hemm talba min wiehed mill-membri biex isir hekk.

53. Meta l-Kunsill ikun ser jiddiskuti u/jew jivvota dwar xi materja li fiha xi membru partikolari tal-Kunsill ikollu xi interess personali, dan il-membru ghandu jiddikjara l-interessi tieghu, u ghandu jirtira mil-laqgha matul id-diskussjoni u/jew votazzjoni dwar il-materja.

54. F'kaz li l-President u/jew vici-President ma jkunx prezenti ghal-laqgha tal-Kunsill, ghal xi raguni li tkun, il-membri prezenti jistghu jaghzlu persuna ohra minn fosthom biex tmexxi u tippresedi l-laqgha. L-istess japplika fl-assenza tas-segretarju onorarju u vici-segretarju.

55. L-ebda decizjoni tal-Kunsill ma tistgha tigi attakkata jew imhassra abbazi tal-fatt li xi membru jew membri jkunu rrizenjaw jew gew imkeccija u posthom ikun ghadu ma ntmeliex minn membru jew membri ohra u dan sakemm jezisti kworum.

56. Il-President ghandu d-dover li jippresiedi fuq is-seduti tal-Kunsill, seduti generali jew straordinarji, u li jikkonferma l-minuti li jirrigwardjaw il-Kunsill, il-laqghat generali jew straordinarji. Barra minn hekk, il-President huwa fid-dmir li jispjega fic-car xi affarijiet fuq l-agenda li trid tkun diskussa u jaghti spjegazzjoni relattiva ghal xi mistoqsijiet li jitqajmu mill-membri prezenti.

57. Il-vici-President ghandu d-dmir li jmexxi hu skond id-dmirijiet tal-President meta dan tal-ahhar ikun assenti.

58. Is-segretarju ghandu d-dover li jzomm rekords tas-seduti tal-Kunsill tal-laqghat generali u laqghat straordinarji fil-ktieb tal-minuti. Ghandu jkun il-mezz ta' komunikazzjoni mal-Federazzjoni u ghandu jzomm kopja tal-korrispondenza kollha, jinforma lill-Kunsill u juri l-korrispondenza kollha fis-seduti tal-Kunsill. Hu fid-dmir li jzomm kopja tal-Istatut li jinkludi l-ahhar emendi li jkunu saru. Il-korrispondenza tal-Federazzjoni ghandha tkun iffirmata mis-segretarju. Hu d-dmir tas-segretarju li jipprezenta rapport amministrattiv annwali fil-Kunsill Generali.

59. L-assistent segretarju ghandu d-dover li jghin lis-segretarju biex dan ikun jistgha jaqdi ahjar id-doveri tieghu u jaghmel ix-xoghol tieghu meta jkun nieqes.

60. It-tezorier hu fid-dmir li jigbor il-mizati tad-dhul, kif ukoll jigbor xi multi li jkunu wehlu xi membri. It-tezorier ghandu jzomm kont bankarju tal-Federazzjoni. It-tezorier ghandu jzomm l-"accounts" tal-Federazzjoni li jridu jkunu ezaminati minn awditur pubbliku kwalifikat mahtur waqt il-Kunsill Generali Annwali.

61. L-assistent tezorier hu fid-dover li jghin lit-tezorier biex dan ikun jistgha jaqdi ahjar id-doveri tieghu u jaghmel ix-xoghol tieghu meta jkun nieqes.

62. Il-PRO ghandu jikko-ordina x-xoghol mal-media u r-relazzjonijiet pubblici tal-Federazzjoni.

**Kumitati Distrettwali, Sotto Kumitati u Ghaqdiet Affiljati**

63. Skond dak provdut taht il-parti ta' dan l-Istatut li tikkoncerna s-shubija, il-Kumitati Distrettwali u ghaqdiet affiljati jridu jaddottaw il-policy tal-Federazzjoni u josservaw ir-regolamenti ta' dan l-Istatut fl-attivita generali tieghu.

64. Il-Kumitat Distrettwali, Sotto Kumitat u ghaqdiet affiljati ghandhom l-obbligu li jghaqqdu l-membri li liberalment jixtiequ jissiehbu maghhom fil-Federazzjoni jew aspett partikolari, biex ikabbru t-taghrif dwar id-delizzji, iwasslu d-decizzjonijiet tal-Kunsill lill-membri, u jassiguraw li l-membri josservaw kull regolament ta' dan l-Istatut. L-Assembleja Generali tal-kumitati distrettwali u sotto kumitati jridu jsiru kull sena sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu.

65. Kull kumitat distrettwali, sotto kumitat u ghaqda affiljata huwa suggett ghall-Kunsill u ghandu jobdi, josserva u jesegwixxi d-direttivi tal-istess Kunsill tal-Federazzjoni. Il-Kunsill ghandu d-dritt f'kull zmien jispezzjona l-kotba tal-"accounts" tal-kumitati distrettwali, sotto kumitati u ghaqdiet affiljati, jaghhti direttivi kif ghandhom jinzammu tali kotba, u jitlob kwalunkwe informazzjoni kif mehtieg.

66. Kull kumitat distrettwali, sotto kumitat u ghaqda affiljata trid tavza bil-miktub lis-segretarju tal-Kunsill bis-segwenti:

(a) Id-data, hin u post tal-Assembleja Generali tal-kumitat distrettwali, sotto kumitat, u ghaqda affiljata, bil-kopji tal-agenda. Il-Kunsill ghandu jibghat rapprezentant bhala osservatur biex jattendi tali Assembleja Generali.

(b) Kwalunkwa tibdil fil-karigi ta' President, vici-President, Segretarju u Kaxxier tal-kumitat distrettwali, sotto kumitat u ghaqda affiljata.

(c) Kopji tar-rapport amministrattiv annwali tas-segretarju tal-kumitat distrettwali, sotto kumitat u ghaqda affiljata li juri l-attivitajiet tal-istess kumitat fis-sena precedenti.

(d) Statement tal-qaghda finanzjarja tal-kumitat distrettwali u sotto kumitat, iffirmat mil-President u l-kaxxier tal-Kumitat. Fil-kaz ta' ghaqda affiljata ghandhom jigu sottomessi l-"audited accounts".

(e) In-nomini tal-hames delegati li jkunu gew appuntati mill-kumitat distrettwali, sotto kumitat u ghaqda affiljata biex jattendu Kunsill Generali tal-Kunsill.

67. L-ebda kumitat distrettwali ma jistgha jkollu affiljat mieghu anqas minn tletin membru u jekk il-membership tieghu jonqos ghall-inqas minn dan in-numru, il-Kunsill jista jitlob biex tali kumitat jigi xolt.

68. Kull kumitat distrettwali jew sotto kumitat ma jistghax jigi xolt jekk mhux bil-permess tal-Kunsill. Il-kumitat distrettwali jew sotto kumitat jigi xolt awtomatikament jekk il-membri tieghu jirrizenjaw minn membri tal-Federazzjoni.

69. Il-Kunsill jistgha wkoll iwaqqaf sotto kumitati komposti minn membri sabiex ikunu responsabbli minn areas specifikati li jkunu gew allokati lill-Federazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex fihom jigu ezercitati d-delizzji mill-membri. Dawn is-sotto kumitati ikunu direttament responsabbli f'kull attivita taghhom ghall-Kunsill u f'kull zmien ghandhom jaghtu dak it-taghrif u informazzjoni ohra li tigi mitluba lilhom mill-Kunsill. Il-provedimenti ta' paragrafu 66 ghandhom japplikaw ghal dawn is-sotto kumitati. Il-Kunsill ghandu s-setgha li jibdel f'kull zmien il-membri fuq tali sotto kumitati, u l-paragrafi ta' din il-parti ta' dan l-Istatut fejn huma applikabbli ghandhom japplikaw ghal dawn is-sotto kumitati.

**Bord tad-Dixxiplina**

70. Bord ta' Dixxiplina li jkun kompost minn tlett persuni ghandu jigi approvat f'Kunsill Generali kull tielet sena.

(a) Ic-Chairman ta' dan il-Bord ghandu jkun persuna indipendenti li tkun edotta fil-ligijiet tal-pajjiz b'mod partikolari dwar il-ligijiet tad-delizzji fit-territorju.

(b) Iz-zewg persuni l-ohra fuq dan il-Bord ghandhom eventwalment jigu maghzula mic-Chairman ta' dan il-Bord.

71. Dan il-Bord jistgha jisma u jiddetermina segwenti kazijiet meta jigi mitlub mill-Kunsill:

(a) Biex jinvestiga kwalunkwe kaz riferut lilu mill-Kunsill dwar ksur ta' xi ligi fit-territorju waqt id-delizzji u sabiex wara li jkun semgha l-provi kollha prodotti, jghaddi ghad-decizzjoni tieghu.

(b) Biex jinvestiga kwalunkwa kaz iehor ta' dixxiplina meta hekk ukoll jigi mitlub mill-Kunsill.

72. Dan il-Bord fil-funzjoni tieghu ma jistghax jitlob lill-ebda persuna li tkun qed tigi investigata minnu biex taghti xi stqarrija jekk b'tali stqarrija din il-persuna tista tikkrimina ruhha, b'mod li tista abbazi ta' dik l-istess stqarrija, jittiehdu proceduri kriminali kontriha fit-territorju. Il-Bord ghandu jipproduci bil-miktub kwalunkwe xhieda prodotta quddiemu u d-decizzjoni tieghu ghandha tkun ukoll bil-miktub u inappellabbli u kkomunikata lill-partijiet tramite is-segretarjat tal-istess Bord. Is-segretarjat tal-Bord jistgha jkun is-segretarju permanenti, is-segretarju onorarju, jew il-vici-segretarju, sakemm dawn ma jkunux eskluzi milli jaghmlu din il-funzjoni minhabba x'interess dirett jew

indirett f'xi kaz li jkun qed jisma l-Bord. Il-Bord, fid-diskrezzjoni tieghu, jistgha japponta, fl-assenza ta' xi wiehed mill-membri tas-segretarjat hawn fuq imsemmija, lil xi membru tal-istess Bord biex jagixxi bhala segretarju. Il-Bord ghandu s-setgha li jirregola l-procedura tieghu.

73. Fil-funzjoni ta' dan il-Bord ghandu jkun hemm il-pieni kontemplati kif gej:

Jekk il-kaz jigi pprovat sodisfacentement, il-membru jistgha jigi ppenalizzat jew b'multa biss jew b'multa u sospensjoni jew tkeccija; jew b'sospensjoni biss; jew bit-tkeccija biss.

74. F'kaz li l-membri kkontemplati fl-ahhar paragrafu ma jistabilixxux fi zmien hmistax il-gurnata minn avviz li fih il-persuna li ghandha thallas tkun hekk giet stipulata, tali shubija ta' dik il-persuna tigi awtomatikament sospiza sakemm isir il-hlas. Fil-kaz li l-hlas tal-multa ma jsirx fi zmien xahar minn meta jsir it-tieni avviz bil-miktub biex tali persuna thallas il-multa, liema avviz ghandu jintbaghat b'ittra registrata, il-persuna kkoncernata tigi mkeccija minn membru tal-Federazzjoni.

**Bord tal-Finanzi**

75. Dan il-Bord ghandu jkun kompost mit-tezorier tal-Federazzjoni bhala chairman flimkien mal-President u s-segretarju tal-Kunsill.

76. Dan il-Bord hu responsabbli sabiex:

(a) Jezamina l-kotba tal-finanzi tal-Federazzjoni u jassigura li din il-funzjoni qeghda ssir korretta.

(b) Jirreferi l-kotba tal-finanzi tal-Federazzjoni lill-awditur tal-Federazzjoni ghall-"audit" tieghu tal-anqas darba fis-sena u jaghti dawk l-affarijiet kollha mitluba mill-Kunsill u/jew awditur dwar il-qaghda finanzjarja tal-Federazzjoni u l-kotba tal-finanzi taghha.

(c) Li jipprezenta rapport finanzjarju lid-delegati waqt il-Kunsill Generali Annwali.

(d) Biex jigbor u jikkordina l-gbir tas-shubija minghand il-membri.

(e) Biex jigbor ghan-nom tal-federazzjoni kwalunkwa finanzi ohra minghand l-awtoritajiet kompetenti abbazi ta' xi ftehim li l-Federazzjoni jistgha jkollha mal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta.

(f) Biex jaghti pariri lill-Kunsill kif il-finanzi tal-Federazzjoni jistghu jintuzaw fl-ahjar interess tal-Federazzjoni.

(g) Biex jikko-ordina il-finanzjament ta' xi sotto kumitat responsabbli mill-ambjent u/jew tmexxija ta' xi area li tkun giet allokata lill-Federazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ghall-ezercizzju tad-delizzji.

(h) Biex jitlob kwalunkwa informazzjoni dwar il-qaghda finanzjarja ta' xi kumitat distrettwali jew sotto kumitat jew ghaqda affiljata u jitlob kwalunkwe karti, dokumenti u kotba ohra tal-finanzi ta' tali kumitat distrettwali jew sotto kumitat jew ghaqda affiljata biex jigu ezaminati minnu.

(i) Biex jgharraf lill-Kunsill bi kwalunkwa kaz fejn l-istess Bord jidhirlu li hemm xi irregolaritajiet fil-kotba tal-finanzi ta' xi kumitat distrettwali jew sotto kumitat jew ghaqda affiljata.

(j) Biex jipprepara rapport finanzjarju lill-Kunsill tal-anqas darba fix-xahar.

77. Il-vici-president, u l-PRO tal-Federazzjoni huma membri ex-officio ta' dan il-Bord, pero f'kaz ta' xi decizzjonijiet, m'ghandhomx dritt ghal vot.

**Obbligi tal-membri**

78 (a). Il-membri kollha tal-Federazzjoni jobbligaw irwiehom li jaccettaw, jikkonfermaw u josservaw ir-regolamenti kollha tal-Federazzjoni, il-ligi dwar id-delizzji fit-territorju, u f'kaz li ma jaghmlux hekk jistghu jigu mkeccija mill-Federazzjoni.

78 (b). Kull membru jintrabat li jghati dawk id-dettalji mitluba minnu lill-Federazzjoni riferibilment ghal xi materji li ghandhom x'jaqsmu mal-iskopijiet tal-Federazzjoni.

79. F'kaz li xi membru, xi kumitat distrettwali, xi sotto kumitat jew xi ghaqda affiljata, jinqabad jikser xi wiehed jew aktar mir-regolamenti tal-Federazzjoni, jew jirrifjuta li jaderixxi ruhu ma' xi decizzjoni jew policy tal-Federazzjoni mehuda b'konformita mar-regolamenti tal-Federazzjoni, jew jagixxi b'mod illi fl-opinjoni tal-Kunsill ikun ta' pregudizzju ghall-interess tal-Federazzjoni, tali membru, kumitat distrettwali, sotto kumitat jew ghaqda, jistgha jigi mkecci jew sospiz jew li jittiehdu mizuri ohra dixxiplinarji li l-Kunsill jiddeciedi.

**Fondi tal-Federazzjoni**

80. Il-Fondi tal-Federazzjoni ma jistghux jigu wzati ghal ebda skop iehor hlief li jigu milhuqa l-iskopijiet tal-Federazzjoni.

81. F'kaz li l-fondi tal-Federazzjoni jkunu insufficjenti biex l-iskopijiet tal-Federazzjoni jintlahqu, il-Kunsill, wara li jitlob permess tal-Bord Finanzjarju, ghandu l-poter li jigbor kwalunkwe somma ta' flus rikjesta billi jgholli l-mizata jew jitlob levies ohra minghand il-membri.

82. Il-fondi tal-Federazzjoni ghandhom jigu ddepozitati f'bank jew banek li jaghzel il-Kunsill u investiti f'isem il-Federazzjoni.

83. Il-Kunsill ghandu jesigi li jinzammu kotba tal-"accounts" b'mod regolari li jaghtu stampa cara tal-istat finanzjarju tal-Federazzjoni u biex jintlahaq dan l-iskop il-Kunsill jistgha jitlob kull informazzjoni lill-Bord tal-Finanzi u/jew lill-awditur tal-Federazzjoni.

84. Tal-anqas darba fis-sena l-"accounts" tal-federazzjoni ghandhom jigu ezaminati minn awditur pubbliku kwalifikat maghzul mill-Kunsill Generali Annwali li jassigura korrettezza tal-Balance Sheet.

85. It-tezorier ghandu jipprepara l-pozizzjoni finanzjarja biex tigi approvata mill-Kunsill Generali Annwali wara li jottjeni l-appogg totali tal-istess Bord tal-Finanzi.

86. Kull cheque u dokument tal-bank ghandu jigi ffirmat minn zewg firmatarji mis-segwenti ufficjali tal-Kunsill : Il-President, is-Segretarju u t-Tezorier tal-Federazzjoni.

87. Il-Kotba tal-finanzi flimkien mar-registru tas-shubija jistghu jigu spezzjonati f'kull zmien minn kwalunkwa membru li l-Kunsill jidhirlu li ghandu interess fil-fondi tal-Federazzjoni, basta jaghti pre-avviz ragonevoli lit-tezorier u jgib mieghu awditur pubbliku kwalifikat imhallas minnu.

**Xoljiment tal-Federazzjoni**

88. Kull decizzjoni biex tigi xolta l-Federazzjoni tistgha ssir biss f'Kunsill Straordinarju msejjah apposta ghal dan l-iskop u tali decizzjoni tghaddi b'vot ta' mhux anqas minn zewg terzi tad-delegati tal-kumitati distrettwali, sotto kumitati u ghaqdiet affiljati.

89. Kull membru jobbliga ruhu li jikkontribwixxi pro rata f'kaz li l-Federazzjoni tigi xolta u jkun hemm dejn.

## Anness 1

# ANNESS 2

## Bye Laws

Mahruga fis-26 ta' Frar 1997, u emendata fl-1998.

Ebda membru tal-Federazzjoni ma jista jservi ta' membru/ufficjal fuq aktar minn kumitat distrettwali, sotto kumitat jew ghaqda affiljata wiehed/wahda. F'kaz li membru/ufficjal ta' kumitat distrettwali, sotto kumitat jew ghaqda affiljata, biex dan iservi wkoll fuq sotto kumitat jew ghaqda affiljata, ikun mehtieg l-approvazzjoni tal-Kunsill.

## Regolamenti tal-Artijiet amministrati mill-Federazzjoni tal-Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti - Malta

### Harsien tal-Ambjent

L-artijiet qed jigu fdati lill-Federazzjoni tal-Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti - Malta, bill-kundizzjoni li l-ewwel nett, jigi mhares l-ambjent f'dawn il-postijiet u ghalhekk kull membru bil-pass ghal dawn l-artijiet irid jaghti sehemu f'dan ir-rigward kemm waqt il-kacca kif ukoll waqt it-tindif, zbir, ecc. ... skond struzzjonijiet li johrog is-sotto kumitat organizattiv tal-post minn zmien ghal zmien. Il-Kunsill izomm responsabbli lil kull individwu ghal kull hsara li tista ssir fuq l-artijiet.

### Karozzi

Hadd ma jista jidhol qalb is-sigar bil-karozzi.

### Dokumenti

Li gejjin huma d-dokumenti li min jidhol ghall-kacca u l-insib f'dawn l-artijiet ghandu jkollu fuqu:

(a) Il-pass tal-post

(b) It-tessera tal-Federazzjoni

(c) U kif inhi l-ligi, il-karta tal-identita u l-licenzja tal-kacca/nsib.

### Is-sotto kumitat organizattiv tal-post

Is-sotto kumitat organizattiv tal-post u l-Kunsill biss jistghu jibdew xi azzjoni u jintervjenu fejn ikun mehtieg. Passi ohra jistghu jigu mehuda aktar tard kif ikun xieraq anke bl-ghajnuna tal-Bord tad-Dixxiplina.

### Waqt il-kacca

Hadd m'ghandu jispara fuq bottijiet, gebel ecc.
Kulhadd ghandu josserva l-ligi, l-hinijiet, iz-zmien u l-boundaries tal-picnic areas.

### Posti

Kull membru u allokat bil-posta tieghu u ma jistax icedi postu lil hadd, anke jekk dan ikollu pass, minghajr il-permess tas-sotto kumitat organizattiv.
Kulhadd ghandu jidhra lin-nies ta' madwaru halli nies bla pass jingharfu u jigi rraportati.

**Imnasab**

Hadd ma jista jkollu aktar minn zewg imnasab fuq dawn l-artijiet.
L-ebda nassab ma jista jzomm arma tan-nar waqt li jkun qed jonsob.
Id-distanzi bejn l-imnasab ghandhom ikunu xierqa.

**Affarijiet ohra**

Il-kodici, bye laws u l-istatut tal-Federazzjoni ghandhom jigu osservati flimkien ma' dawn ir-regolamenti.
L-ebda membru ma jista jipprattika d-delizzji f'aktar minn art wahda fdata lill-Federazzjoni.
Il-kaccatur u n-nassab ghandhom igibu r-rispett kif inhu xieraq lil xulxin, kif ukoll lill-pubbliku ingenerali.
Dawn ir-regolamenti jistghu jigu emendati minn zmien ghal zmien kif ihoss il-htiega l-Kunsill.

Mahruga f'Mejju 1987 u emendati fl-1998.

# ANNESS 3

## L-IMGIEBA WAQT IL-KACCA U L-INSIB
## (Code of Conduct and Code of Practice)

Il-kacca u l-insib huma delizzji jew sports. Ghalhekk, bhal kull delizzju, hemm il-kontroll mil-ligi kif ukoll regolamenti ohra tal-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti - Malta, bhal dawk tal-artijiet u l-Istatut tal-istess Federazzjoni, li ghandhom dejjem jigu osservati.

Il-Federazzjoni, ghalhekk, qed tipprezenta wkoll ir-regolamenti li gejjin ghall-imgieba waqt il-kacca u l-insib (code of conduct and code of practice). Dawn huma bbazati skond ir-rakommandazzjoni nru. R85(17) li ghamlu l-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-tahrig tal-kaccaturi kif addottat mill-istess Ministri fit-23 ta' Settembru 1985, pero dejjem inkonsiderazzjoni tal-kondizzjonijiet partikolari ta' pajjizna.

Hija r-responsabilta tal-kaccatur u n-nassab li l-wirt nazzjonali jigi mhares kemm fil-prezent kif ukoll ghal generazzjonijiet futuri. L-obbligi tad-dilettant ghandhom ikunu mmirati l-ewwel nett lejn il-konservazzjoni tal-ambjent naturali, b'mod partikolari ghat-tajr, ghasafar u fniek selvaggi u l-abitat taghhom, izda l-obbligi m'ghandhomx jieqfu hawn. Id-dilettant ghandu jkun ukoll konxju mill-obbligu tieghu versu nies ohra li jkunu fil-kampanja u x-xtut, kif ukoll il-propjeta ta' dawn in-nies. Billi jgib ruhu tajjeb biex id-dilettant jikseb ir-rispett tal-pubbliku ngenerali.

L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jghin lil kwalunkwa sistem legali li tezisti, tajba kemm hi tajba. Dawn ghandhom jghinu wkoll biex il-bilanc ekologiku xieraq jista jintlahaq ahjar.

Kif diga inghad il-kacca u l-insib illum huma biss delizzji u mhux mezz ta' ghixien. Il-kaccaturi u n-nassaba huma il-managers tal-kacca u l-abitat taghhom u din is-sistema moderna ghandha tkun imsahha.

## Code of Conduct

1. Irrispetta r-restrizzjonijiet kollha tal-kacca u l-insib. Dawn saru izjed minhabba l-esigenzi ekologici tal-ispeci tal-kacca u l-abitat taghhom.

(a) Ikkaccja u onsob biss ghal dak li ttik il-ligi. Mhijiex irgulija li taqbad dak li hu protett.

(b) Tkunx rghib. L-aqwa kaccatur u nassab mhuwiex dak li jaqbad aktar minn shabu.

(c) Tisparax u l-anqas tonsob waqt l-istagun maghluq, jew fejn id-delizzji mhumiex permessi.

2. Irrispetta l-ispeci kollha tal-kacca u l-insib.

(a) Il-kacca u l-insib ghandhom jigu pprattikati b'mod sportiv.

(b) Evita metodi mhux sportivi u ta' qbid ghan-numri kbar.

(c) Min jikkaccja ghal fenek selvagg ghandu dejjem josserva l-istaguni, u jekk taht certi cirkostanzi fl-inhawi partikolari jara li hemm l-ghadd tal-fenek selvagg naqas, id-dilettant ghandu jirregola l-istagun kif jara xieraq, kif ukoll jirrapporta minnu fih xi marda li jinnota fil-fniek.

(d) Qis li taghraf sew it-tajra qabel tispara jew taqleb ix-xbiek.

(e) Qatt tispara fit-tul.

(f) Dejjem ghandek tuza skratac xierqa ghal dak li tkun qed tikkaccja.

(g) Dak li tferi, oqtlu minnufih. Thallix il-kacca tbaghti ta' xejn.

(h) Qis li dak li taqbad ma jkunx inqabad ta' xejn. Ara li jsir uzu tajjeb b'kull ma jinqabad.

(i) Il-kacca u l-insib huma delizzji. Ikun qed jitbaxxa minn jipprattika dawn bhala mezz ta' qliegh.

3. Dejjem ipprova kun kaccatur u nassab kompetenti u responsabbli.

(a) Huwa dmir ta' kull kaccatur u nassab li jitghallem kemm jista jkun fuq il-kacca u l-ambjent ta' fejn din tinstab.

(b) Huwa wkoll dmir ta' kull kaccatur u nassab li jkun jaf x'inhuma l-ligijiet u r-regolamenti li ghandhom x'jaqsmu mad-delizzju tieghu.

(c) Hu sehem f'attivitajiet u mizuri dwar il-harsien tal-ambjent.

(d) Zomm kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti u l-Federazzjoni.

(e) Fejn ikun mehtieg, fiehem ukoll lill-ufficjali tal-ambjent u lill-bdiewa l-importanza tal-konservazzjoni tal-ambjent u l-kacca.

(f) Hu parti fi studji xjentifici dwar kacca, l-insib u l-ambjent naturali.

(g) Kun ta' ezempju u mezz ta' taghlim ghad-dilettanti principjanti.

4. Uri responsabilta lejn l-ambjent biex ikun jista jitgawda minn kulhadd.

(a) Ftakar li l-kacca taghna hija migratorja u ghaldaqstant hija ta' natura partikolari.

(b) Hu hsieb il-kacca tradizzjonali ta' pajjizna, specjalment fid-dawl ta' kif certu pajjizi ohra iharsu lejn kacca u konservazzjoni tat-tajr migratorju.

(c) Ghin fi kwalunkwa stharrig dwar l-ghasafar migratorji. Tibzax tirrispondi bis-sincerita kollha dwar in-numru tal-qbid u ghandek tirraporta wkoll xi ghasfur li jinqabad u jkun imlibbes curkett.

5. Inti responsabbli ghal kull azzjoni li taghmel. Osserva strettament il-ligijiet ta' sigurta.

(a) Meta ma tkunx ghall-kacca:

- qis li s-senter tieghek ma jkunx ta' periklu ghalik jew ghal hadd iehor. Qatt thalli s-senter tieghek ikkargat hlief meta tkun fil-post tal-kacca. God-dar is-senter u l-iskratacc ghandhom jinzammu maqfula separatament, u fejn hadd ma jista jilhaqhom, specjalment it-tfal.

- qis li s-senter, skargat, ikun gol-cover tieghu waqt li jkun qed jingarr minn post ghall-iehor.

- kun cert li s-senter dejjem jinzamm f'kundizzjoni tajba.

(b) Meta tkun ghall-kacca:

- dejjem uza l-iskratacc addattati ghas-senter tieghek.

- dejjem oqghod attent li ma tinstadlekx xi kanna tas-senter.

- meta taghlaq is-senter ikkargat, dan ghandu jkun ippuntat lejn l-art.

- qatt timxi bis-senter ippuntat orizzontali.

- dejjem skarga s-senter meta tkun ser taqbez xi ostaklu.

- tajjeb li tiskarga s-senter meta ticcaqlaq minn xi post ghall-iehor u ma tkunx qed tikkacja waqt dan ic-caqliq.

- dejjem aghmel nota ta' fejn ikunu qeghdin kaccaturi u nies ohra, u aghmel mod li huma jkunu jafu fejn qieghed int.

- qatt tispara lejn xi sigra jew f'xi direzzjoni ta' xi persuna anke jekk jidher li din qeghda l-boghod hafna u ma tintlahaqx. Ic-comb tiskanta kemm jasal.

- Oqghod ukoll attent ghax ic-comb jista jizgicca meta jahbat ma' certu materjal bhal gebel, wicc tal-ilma, ecc.

6. Kun matur fl-imgieba tieghek ma' hadd iehor.

(a) Irrispetta l-gabillott u taghmilx hsara f'raba mahduma.

(b) Irrispetta r-riservat u l-privat, u hwejjeg ohra bhal sinjali, wires tad-dawl u t-telephone, hajt tas-sejjiegh, ecc.

(c) Kun ta' ghajnuna ghal hadd iehor fil-vicinanza tieghek meta tinqala l-htiega.

(d) L-iskratacc sparati thallihomx warajk.

(e) Jekk issir xi hsara b'accident, ipprova rrimedja mill-ahjar u hallas il-hsara minnufih.

(f) Fejn tista ghin ukoll biex il-fniek selvaggi ma jaghmlux hsara liz-zergha.

7. Kun manager tajjeb.

(i) Ipprotegi u ghin l-immaniggjar tal-fenek selvagg u kacca ohra:

(a) M'ghandux isir qbid zejjed li tista tnaqqas ir-razza.

(b) Ghin biex jinzamm ambjent b'sahhtu u bbilancjat.

(c) Dejjem innota xi zvilupp gdid dwar il-kwantita u l-kwalita tal-kacca.

(d) It-tajr tal-priza huwa protett bil-ligi.

(e) Irrapporta mmedjatament xi marda li tista tinnota fuq xi kacca.

(f) Fejn tista ghin meta tintelaq xi tajra biex eventwalment tigi kkaccjata.

(g) Ghin lill-Federazzjoni biex tkun tista tinnegozja ghan-nom tad-dilettanti mal-awtoritajiet kompetenti.

(h) Emmen fil-mizuri mehtiega biex tigi kkontrollata kacca llegali.
(ii) Ipprotegi u ghin fl-immanigjar tal-art tal-kacca:

(a) Ghin li tinzamm id-diversita tal-"habitats" ghax din hija l-fondazzjoni tal-ambjent naturali u garanzija ghall-futur tal-kacca, billi tikkonserva l-"habitats" u terga tirristrutturhom fejn hu mehtieg.

(b) L-ilma fil-gzejjer taghna hu prezzjuz hafna u kull fejn izomm l-ilma ghandu jigi kkurat bl-akbar reqqa.

(c) L-art tal-kacca ghanda tkun mghammra ghall-bzonnijiet tal-kacca kollha matul is-sena kollha.

(d) Qatt tiddisturba xi bejta tal-ghasafar.

(e) Ahdem flimkien mal-gabillotti u l-bdiewa fejn ikun il-kaz.

## Code of Practice

1. Widdeb lil min mhuwiex sportiv fl-agir tieghu u lil min ma jirrispettax dawn il-kodici.

2. Waqt li tkun tikkaccja jew tonsob gorr mieghek il-licenzji mehtiega.

3. Tonsobx f'mansab li ma jkunx tieghek.

4. Tisraqx kacca li hadd iehor ikun laqat ghal mewt.

**Kacca fuq l-art**

5. Dejjem oqghod attent hafna kif tispara baxx.

6. M'ghandux isir sparar bla bzonn, waqt hin u f'postijiet tal-kacca.

7. Jekk ghandek kelb ara li dan tikkontrollah tajjeb specjalment meta tkun ghaddej minn hdejn raba' mahduma jew minn hdejn xi hadd li jkun qed jonsob. Malli tasal lura d-dar ara li l-kelb ikun ikkurat.

**Kacca tal-Fniek**

8. Wara l-kacca hu hsieb in-nemes u l-kelb.

**Kacca minn fuq il-Bahar**

9. Dejjem gorr mieghek taghmir ta' salvatagg.

10. Qatt tohrog ghal kacca fuq il-bahar wahdek, pero' ma titqisx prudenza li fuq opra tal-bahar ghal waqt il-kacca ikun hemm aktar minn zewg kaccaturi.

11. Dejjem oqghod barr mit-tir minn kull bicca opra ohra tal-bahar.

12. Ftakar li hafna skariggar u caqlieq bla bzonn mhux biss idejjaq lil min ikun qed jikkaccja hdejk, izda jgerrex ukoll it-tajr.

13. Hadd m'ghandu jintercetta kacca li tkun sejra fuq hadd iehor.

14. Sakemm tigi biex tispara dejjem zomm is-senter safe.

15. Dejjem spara jew bilqeghda, jew ghar-rkupptejk. Qatt bil-wieqfa.

16. Qatt ittellef lil shabek kaccaturi ta' fuq l-art u lis-sajjieda.

**Nassaba**

17. In-nassab ghandu jikkura l-ghasafar u jara li dawn ma jkunux nieqsa minn dak kollu li jkun mehtieg.

18. In-nassab ghandu jzomm il-gabjetti fil-limiti tal-mansab tieghu sabiex ma jtellifx lil nassaba ohra.

19. In-nassab ghandu jhalli hogor sewwa fix-xbiek tieghu.

20. In-nassab ghandu jitlaq minghajr dewmien dawk l-ghasafar kollha li jaqbad fix-xbiek u li ma jkollux bzonnhom.

21. In-nassab ghandu jdur l-ghasafar tieghu minn hin ghal hin ghall-ikel u l-ilma, kif ukoll jghatti jew jigbor l-ghasafar f'kaz ta' xita jew rih qawwi.

22. In-nassab ghandu jibni mansab f'distanza xierqa minn mansab iehor.

## REGOLAMENTI GHAD-DISTRETTI U SOTTO KUMITATI TAL-FEDERAZZJONI TAL-KACCATURI NASSABA KONSERVAZZJONISTI - MALTA

### Interpretazzjoni

1. Dan l-Istatut thejja fl-1990 u qed jigi emendat fl-1998 mill-Kunsill tal-Federazzjoni tal-Kaccaturi Nassaba Konservazzjoniti - Malta, ghad-distretti u sotto kumitati tal-istess Federazzjoni, u dan bis-setgha li l-Istatut tal-Federazzjoni jaghti lill-Kunsill.
Kull decizzjoni biex tirrevoka, toltera, jew temenda, jew izzid ma' dawn ir-regolamenti, u kwalunkwa regolamenti ohra tal-Federazzjoni, tista ssir biss mill-Kunsill tal-Federazzjoni.

2. Dan l-Istatut ghandu jigi ezegwit inkonnessjoni mal-Istatut tal-Federazzjoni, u fejn mhux provdut taht l-ebda parti ta' dan l-Istatut, il-Kumitati Distrettwali u s-Sotto Kumitati jridu jaddottaw il-policy tal-Federazzjoni u josservaw ir-regolamenti tal-Istatut tal-Federazzjoni fl-attivitajiet generali taghhom.

### Isem

3. Id-distrett ghandu jkun maghruf bhala Distrett .... tal-Federazzjoni tal-Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti - Malta, u s-sotto kumitat ghandu jkun maghruf Sotto Kumitat ... tal-Federazzjoni tal-Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti - Malta.

### Indirizz

4. L-indirizz ufficjali tad-distrett jew sotto kumitat ghandu jkun dak tas-segretarju tal-istess distrett jew sotto kumitat, sakemm id-distrett jew sotto kumitat ma jkollux post tieghu fejn jiltaqa, f'liema kaz l-indirizz ta' tali post jista jintuza. Il-Kunsill ghandu jkun mgharraf bl-indirizz.

### Emblema

5. L-emblema tal-Federazzjoni ghanda tintuza mid-distrett jew sotto kumitat basta tahtha ikun indikat l-isem tad-distrett jew sotto kumitat.

### Skopijiet

6. Id-distrett jew sotto kumitat ghandu l-iskop i jesegwixxi u josserva l-provedimenti kollha tal-Istatut tal-Federazzjoni, u fl-isfond u fil-limiti ta' dan, jesegwixxi u jwettaq id-direttivi kif espressa u mfassla waqt l-Assembleja Generali tad-distrett jew sotto kumitat.

### Shubija

7. Shubija f'distrett jew sotto kumitat hija miftuha ghal kull kaccatur jew nassab illicenzjat basta l-applikant isir, jekk mhux diga jkun, membru shih tal-Federazzjoni.

8. Fejn jidhol hlas tas-shubija, il-kumitat distrettwali jew sotto kumitat ghandu jaddotta l-policy kif provdut taht il-parti tal-Istatut tal-Federazzjoni li tikkoncerna s-shubija.

9. Is-segretarju tal-kumitat distrettwali jew sotto kumitat ghandu jzomm registru tal-membri kollha tad-distrett jew sotto kumitat.

**Poteri u Funzjonijiet**

10. Il-poteri u funzjonijiet tad-distrett jew sotto kumitat huma kostitwiti u esegwiti mis-segwenti organi.

L-Assembleja Generali

Il-Kumitat u l-Ufficjali

**Assembleja Generali**

11. L-assembleja generali tal-kumitat distrettwali jew sotto kumitat trid issir kull sena mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu. Il-hin u l-post li jiddeciedi l-kumitat jigu avzati lill-membri bil-miktub sabiex:

(a) Tapprova r-rapport amministrattiv tas-segretarju.

(b) Tapprova r-rapport finanzjarju tal-kaxxier.

(c) Tisma l-indirizz tal-President.

(d) Tiddiskuti kull materja specifika fl-agenda jew imqajma regolarment waqt is-seduta.

(e) Tahtar kumitat gdid.

(f) Tahtar il-hames delegati li ghandhom jattendu l-Kunsill Generali.

12. Assembleja Generali ta' natura straordinarja ghandha tinzamm f'post u hin li jigi ddeterminat mill-Kumitat jew b'talba bil-miktub maghmula minn ta' lanqas zewg terzi tal-membri tad-distrett jew sotto kumitat.

13. Il-membri ghandhom iswasslu u jindikaw materji biex jigu mdahhla fl-agenda ta' Assembleja Generali bil-miktub mhux anqas minn hmistax il-jum qabel id-data tas-seduta. L-agenda tal-assembleja generali ghanda tintbaghat lis-segretarju tal-Kunsill mhux aktar tard minn sebat ijiem qabel id-data tal-laqgha fejn jigu wkoll mistiedna delegazzjoni mill-Kunsill ghal din l-assembleja generali.

14. Nominazzjonijiet tal-kandidati ghall-kumitat ghandhom jaslu ghand is-segretarju mhux aktar tard minn hmistax il-jum qabel l-elezzjoni. Dawn in-nominazzjonijiet ghandhom juru l-firma tal-kandidat, il-firma ta' min ikun ipproponieh u dik ta' dak li jkun issekkondah.

15. Kull membru ntitolat li jattendi seduti ta' natura generali ghandu d-dritt ta' vot wiehed.

16. Il-president tad-distrett jew sotto kumitat ghandu d-dritt ta' casting vote f'kaz ta' ugwalita ta' voti.

17. Il-kworum ta' assembleja generali jew assembleja generali straordinarju hu ta' nofs il-membri tad-distrett jew sotto kumitat piu membru iehor. F'kaz li wara hmistax il-minuta mill-hin appuntat ghal-laqgha ma jkunx hemm kworum, is-seduta tibda bil-membri prezenti. Kull decizzjoni waqt il-laqgha trid tittiehed mill-kworum tal-membri li bdew il-laqgha.

**Il-Kumitat u l-Ufficjali**

18. L-amministrazzjoni tad-distrett jew sotto kumitat ghanda tigi kondotta minn kumitat ta' mhux anqas minn tlett membri.

19. L-ufficjali u l-membri tal-kumitat ma jistax ikunu kandidati ta' xi partit politiku fit-territorju.

20. F'kaz ta' bzonn, il-kumitat jistgha jikko-optja lil kwalunkwa membru fi kwalunkwa kariga li titbattal ghal kwalunkwa raguni, basta dan jigi avzat bil-miktub lill-Kunsill.

21. L-Ufficjali tal-Kumitat huma l-President, is-segretarju u l-kaxxier, u dawn jigu mahtura mill-Kumitat fl-ewwel laqgha li jkollu wara l-assembleja generali.

22. Il-kumitat ghandu jiltaqa tal-inqas darba fix-xahar.

23. Il-kworum tal-kumitat hu ta' tlett membri.

24. F'kaz ta' xi kontestazzjoni fuq xi principji u/jew regolament tal-Federazzjoni waqt xi decizzjoni li tkun trid tittiehed mill-Kumitat, ghandha tintalab l-ghajnuna u d-decizzjoni finali tal-Kunsill. Dan ir-regolament ghandu japplika wkoll f'kaz ta' dixxiplina.

**Fondi**

25. Il-fondi tal-kumitat distrettwali jew sotto kumitat ma jistghux jigu wzati ghall-ebda skop iehor hlief li jkunu milhuqa l-iskopijiet tad-distrett jew sotto kumitat.
26. Il-fondi jistghu jigu ddepozitati f'bank li jaghzel il-kumitat f'isem l-istess kumitat.

27. Il-president u l-kaxxier huma flimkien responsabbli ghall-fondi tad-distrett jew sotto kumitat.

28. Il-fondi tad-distrett jew sotto kumitat huma sottomessi ghal kull poter tal-Bord tal-Finanzi tal-Federazzjoni.

29. Il-kotba tal-fondi flimkien mar-registru tal-membri tad-distrett jew sotto kumitat jistghu jigu spezzjonati f'kull zmien minn kwalunkwa membru tal-istess distrett jew sotto kumitat, jekk il-kumitat jidhirlu li l-membru ghandu interess validu u jaghti pre-avviz ragonevoli lill-kaxxier.

**Xoljiment**

30. Kull decizzjoni biex jigi xolt kumitat distrettwali jew sotto kumitat hija sottomessa ghall-approvazzjoni tal-Kunsill u dan wara li l-istess Kunsill jaghmel kull investigazzjoni li jidhirlu mehtiega.